

31992R1679

L 176/17

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.6.1992

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1679/92****tad-29 ta' Ġunju 1992**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3083/73 dwar il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa  
għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 dwar l-organizzazzjoni komuni  
fis-suq taż-żrieragħ**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika  
Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71  
tas-26 ta'Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq  
taż-żrieragħ<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE)  
Nru 1740/91<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3083/73<sup>(3)</sup>, kif  
l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3642/88<sup>(4)</sup>, jispeci-  
fika l-informazzjoni li l-Istati Membri jridu jibgħatu lill-  
Kummissjoni u d-dati tal-għeluq għal dik in-notifika;

Billi l-esperienza wriet li ż-żona li qiegħda taħt kuntratt f'data bik-  
rija, kif meħtieġ bil-pożizzjoni Nru 1 tal-Anness li jinsab mar-  
Regolament (KEE) Nru 3083/73, hija diffiċli ħafna; billi r-riżultati  
b'hekk miksuba mhux ta' min jorbot fuqhom; billi l-Istati Membri

Dan ir-Regolament jkun jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Ġunju 1992.

m'għandhomx għalhekk ikunu aktar obbligati li jgħaddu  
l-informazzjoni fuq iż-żona stmata taħt kuntratt lill-Kummissjoni;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovd id-żebbu l-Regolament huma  
skond l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Ġestjoni taż-Żrieragħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Id-dħul in-naħa l-oħra ta' 1 fl-Anness tar-Regolament (KEE)  
Nru 3083/73 huwa hawnhekk imħassar.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjħ fis-seba' jum li jiġi wara  
l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Għall-Kummissjoni*

Ray MAC SHARRY

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ġu L 246, tal-5.11.1971, p. 1.

<sup>(2)</sup> ġu L 163, tas-26.6.1991, p. 39.

<sup>(3)</sup> ġu L 314, tal-15.11.1973, p. 20.

<sup>(4)</sup> ġu L 317, ta' l-24.11.1988, p. 18.